# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Spettur Christian Abela**

**Vs**

**Naeem Ullah**

**Illum: 10 ta' Ottubru, 2023**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Naeem Ullah iben Ata Ulah u Bilkis Bigum resident gewwa Pakistan mwieled Gujranwala nhar 4 ta' Awwissu 1980 detentur ta' Passaport Pakistani no BD2747214 talli fil-25 ta' Awissu, 20222 u jew fil-jiem , gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer :

Sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom nnifishom jew ghal haddiehor f'xi dokumenti mahsuba ghal xi awtorita pubblika, xjentement taghmel dikjaraazzjoni jew staqarrija falza, jew tghati taghrif falz ( Kap 9 sec 188(1);

Kif ukoll minghajr awtorita' legittima uza jew kellhu fil- pusess tieghu xi dokumenti mehtiega ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217 sec 32(1) (f) tal-ligijiet ta' Malta);

Rat li fl-udjenza tas-27 ta' Awissu, 2027 l-Qorti diversament presjeduta ordnat li l-proceduri ghandhom jitkomplew fil-konfront biss ta' Naeem Ullah;

Rat Kap 9 sec 188(1) u Kap 217 sec 32(1) (f) tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputa ghazel li ma jixhidx.

Rat n-nomina ta' Maria Fersten sabiex tittraduci Dok CA(European. Investigatio Order) u l-istess Traduzzjoni Dok MF.

Rat l-atti, xhieda u dokumenti kollha ezebiti.

Semghet t- trattazzjoni tal- partijiet.

**Ikkunsidrat**

**<u>Viktoria Buza </u>** xehdet hekk:

Pros: Mela sinjura Viktoria Buza tista tghidli meta gejt Malta u ghal liema raguni jekk jogghbok?

Xhud: Jiena gejt fit-23 jew 24 niftakar li kienet gurnata ta` l-erbgha ligejt invitata ta` persuna Ullah biex nizzewgu hawn Malta.

Qorti: Liema xahar?

Xhud: Awwissu.

Pros: U kemm ilek tafu lil Naeel Ullah?

Xhud: Minn April li ghadda ghax f`April li ghadda iltqajna Cipru,

Qorti: Li ghadda ghax jien April biss smajt li ghadda April qed tghid? Of this year?

Xhud: Yes, Iva.

Pros: Igifieri intom kontu gejjin Malta biex tizzewgu?

Xhud: Iva, ghal dik ir-raguni gejt.

Pros: U kif kont tikkomunika ma Naeel Ullah?

Xhud: Ahna iltqajna fuq website l-isem taghha Badu u konna nikkomunikaw bil-google translater.

Qorti: Mhux ahjar tarfu forsi? Mhux ahjar tindika jekk tarfux fl-awla?

Pros: Inti qed tarfu lil Naeel Ullah?

Xhud: Iva hemmekk.

Qorti: Mela ix-xhud indikat lil imputat Naeel Ullah.

Pros: Intom kien hemm xi ftehim bejnietkom biex tizzewgu?

Xhud: Ijja ehe, hu weghdni li mmorru il-Germanja li hemmekkisibli xoxghol jikri appartament ghalija u ghat-tifla u inkun hemmekk.

Qorti: Hajja ahjar hux hekk?

Xhud: Fuq hajja ahjar.

Pros: Minn naha tieghi daqsekk.

Qorti: Kontro Ezami?

Avu: Riservat.

**<u>Massoud Yousef</u>** xehed limitatamnet hekk dwar il-helsien mill-arrest:

Qorti: Tahlef li tghid is-sewwa, s-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa hekk Alla jghinek.

Xhud: Iva nahlef, X`tista tghidli fuq is-sinjur Naeem Ullah jekk jogghbok? Kif tafu?

Xhud: Rajtu hawn fil-qorti kellini fuqu Dr.David.

Qorti: Imma kif kellmek fuqu Dr. David x`igifieri?

Xhud: Kellimni fuqu biex jigi joqghod id-dar tieghi il-Hamrun.

Qorti: Ha jigi god-dar tieghek?

Xhud: Iva.

Qorti: Ha tikrilu jew jghix mieghek?

Xhud: Le nikrilu.

Qorti: Fejn?

Xhud: Il-Hamrun.

Qorti: Ghandek kuntratt ta` kiri please?

Xhud: Iva.

Qorti: Ha tezebieh illum?

Xhud: Iva.

Qorti: X`ha ttini?

Xhud: Kuntratt.

Qorti: DOK YM.

Pros: Xtaqt insaqsi l-individwu fejn jaf lil Naeem Ullah?

Xhud: Hawn sirt nafu.

Avu: Xi darba f`hajtek inti krejt lil xi hadd qabel krejt lil xi hadd kont tafu personalment jew inkella iltqajt mieghu u?

Xhud: Ma nafux ta` perezempju fuq il-facebook reklam icempluli u naghmillhom il-kuntratt.

Avu: Daqsekk mix-xhud.

Qorti: Dawn kienu qeghdin qed jitolbu l-bail dawn in-nies li kont qed titlobhom kien hemm nies ohrajn li kienu hawnekk fuq talba ta` bail li krejt lilhom?

Xhud: Iva.

Qorti: Kienu bil-bail? Taf x`ifisser bail?

Xhud: Li thallas.

Qorti: Grazzi sinjur tista tmur.

Illi gew ezebiti Dok CA1- NPS, Dok CA2 Kopja tal- passaport tal-imputat , Dok CA3 fedina penali tal-imputat, Dok CA4 residence card doc tal-imputat, dok CA5 certifikat taz-zwieg tal-imputat Dok CA6 stqarrija Imputat 25.8.2022, Dok CA7 stqarrija imputa tal-26.8.2022, Dok CA8 Kopja passaport imputat, Dok CA8 kopja passaport Viktoria Buza, Dok CA9 fedina penali Viktoria Buza u Dok CA10 stqarrija

Viktoria Buza. Dok CA EIO bil- Greek u Dok MF traduzzjoni ta' dok CA

## Ikkunsidrat

Illi ghalkemm in atti hemm ezebit Dok CA5 li jinghad li hu certifikat taz-zwieg, ma hemm l-ebda xhieda li turi minn fejn gie dan ic-certifikat u liema rabta hemm , jekk tezisti mal-imputat. Semplicement hemm dokument fil-process. Dan ic-certifikat hu l-pern ta' kollox. Bil-provi li resqet, il-Prosekuzzjoni il-Prosekuzzjoni ma rrnexxilhiex tilhaq il-grad ta' sufficjenza probatorja lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni u konsegwentement ma tistax tinstab htija fl-ebda fl-imputat.

## Decide

**Ghal dawn il-motivi ma issibx lil Naeem Ullah hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet u qieghda konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.**

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**